

**KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT****Valdis DOMBROVSKIS****L-Ekonomija u l-Produttività, l-Implimentazzjoni u s-Simplifikazzjoni****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

*Liema aspetti tal-kwalifiki u tal-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b' mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? Kif se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-perspettiva taż-żgħażaġh?*

*Liema garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kwalunkwe attività li wettaqt, qed twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar il-qadi ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?*

Fi Frar 2022, l-Unjoni Ewropea (UE) stembħet bi gwerra fuq il-kontinent: l-aggressjoni brutali u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Dan wassalna biex nirrealizzaw kemm il-paċi u s-sigurtà Ewropea kienu fraġli. Kienet theżżiża partikolarment kiefra għall-poplu tal-Latvja, pajjiżi, iżda wkoll għall-poplu taż-żewġ Stati Baltiċi l-oħra peress li dawn għad għandhom memorji ċari ta' meta tħallew f'limbu wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Għaldaqstant, li ninvesti l-għarfien, l-esperjenza u l-enerġija tiegħi sabiex jissaħħaħ il-proġett Ewropew u l-valuri tiegħu għaliya hija kwistjoni ta' twemmin profond imsawwar mir-realtà ġeopolitika tar-reġjun fejn tinsab art twelidi. Dan huwa għaliex bħala Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni kont favur appoġġ sod lill-Ukrajna. Din is-sena, il-Latvja ċċelebrat l-20 sena anniversarju mis-sħubija tagħha fl-UE. Għandi x-xewqa li nara lill-pajjiżi jibqa' f'din il-komunità ta' valuri, flimkien ma' 450 miljun Ewropew li jgħixu fil-libertà u l-prosperità. Kien b'din l-għajta li ħriġt għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2024 fil-Latvja u ġejt elett. Mexxejt lill-partit tiegħi b'lista ta' kandidati pro-Ewropea qawwija b'żewġ prijoritajiet ewlenin: li tissaħħaħ is-sigurtà tal-UE u li tingħata spinta l-kompetittività tal-UE. Għalhekk ġejt fdat mill-eletturi tal-Latvja b'mandat demokratiku biex naħdem għal Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha. Il-motivazzjoni aħħarija u d-dmir tiegħi huma li dan il-mandat inwettqu.

Illum, l-Unjoni Ewropea teħtieġ ekonomija reżiljenti, u kompetittiva biex tgħinha żżomm mal-valuri tagħha u tkun tiflaħ għax-xokkijiet interni u l-pressjonijiet esterni. Għal dan il-għan ninsab tassew onorat li ġejt appuntat Kummissarju nnominat għall-Ekonomija u l-Produttività u Kummissarju nnominat għall-Implimentazzjoni u s-Simplifikazzjoni. Bħalma dejjem għamilt fir-rwoli preċedenti tiegħi, se nara li jkun hemm l-involvement sod tal-Parlament Ewropew u tal-Istati Membri tal-UE biex nippromwovu modi sabiex jiġi żblukkat il-potenzjal tat-tkabbir tal-UE, jiġi attirat l-investment u jiġi żgurat li l-politiki makroekonomiċi tal-pajjiżi tal-UE jkunu fis-sod u jwasslu għat-tkabbir.

Il-portafoll ekonomiku se jkun fil-qalba tal-ilħuq tal-oġġettivi strateġiċi tal-UE sabiex tingħata spinta lill-kompetittività tagħna filwaqt li tiġi ppreservata l-ekonomija soċjali tas-suq. Biex dan isir se jkollna bżonn finanzjament privat u pubbliku adegwat.

L-ekonomija tal-UE tistagħna biss meta tkun imsejsa fuq elementi fundamentali b'saħħithom: sabiex ikunu riflessi l-oġġettivi tal-governanza ekonomika riveduta tal-UE, se nimbotta l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir biex ikunu żgurati kemm is-sostenibbiltà fiskali kif ukoll investimenti li jixprunaw il-produttività u t-tkabbir.

Is-Semestru Ewropew se jkollu rwol ewlieni biex itejjeb ulterjorment il-koerenza u l-koordinazzjoni tal-UE u tal-politiki ekonomiċi u soċjali nazzjonali. Flimkien mal-kollegi tiegħi, se naċċerta implimentazzjoni b'responsabbiltà u f'qasir żmien ta' NextGenerationEU u tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Din tibqa' l-għodda prinċipali

sabiex jitwettqu investimenti u riformi ewlenin sa tmiem l-2026. L-iżvilupp ta' Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività ġdida se tkun ta' prijorità għalija, filwaqt li nqis ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport Draghi.

Il-flussi ta' ħidma għall-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni wkoll se jkunu vitali biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE. L-intenzjoni tagħna għandha tkun li nnaqqsu l-burokrazija u li n-negozji Ewropej ikollhom iktar spazju fejn jimirfu, speċjalment l-SMEs, filwaqt li nippreservaw l-oġġettivi ta' politika tal-leġiżlazzjoni adottata. Għalhekk se naħdem biex innaqqas il-piżijiet amministrattivi u ta' rappurtar, biex inneħħi d-dispożizzjonijiet kontradittorji f'partijiet differenti tal-liġi, biex nissimplifika u niffaċilita l-implimentazzjoni u ntejjeb l-infurzar tad-dritt tal-UE, filwaqt li nippreserva l-għanijiet ta' politika tagħna u niġġieled id-deregolamentazzjoni. Fir-rigward ta' proposti ġodda, se niżgura li dawn ikunu konformi bis-siġħ mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar tal-Kummissjoni, u li d-dimensjonijiet tal-SMEs u tal-kompetittività jiġu kkunsidrati bir-reqqa.

Nimpenja ruħi li nibni tim ibbilanċjat bejn il-ġeneri u li nagħti s-setgħa lin-nisa biex jirnexxu fuq il-post tax-xogħol. Bħala Kummissarju tal-UE għall-Kummerċ, appoġġajt l-inklużjoni tal-ewwel kapitolu awtonomu tal-UE dwar il-kummerċ u l-ġeneru fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u ċ-Ċili. Għall-ġejjieni, se niżgura li s-Semestru Ewropew ikompli jkun għodda importanti għall-integrazzjoni tal-ġeneri fit-tfassil tal-politiki ekonomiċi u soċjali fl-Ewropa. Determinat fl-impenn tiegħi li norganizza Djalogi ta' Politika maż-Żgħażaġħ, skont il-linji gwida tal-President, li jibdwu diġà fl-ewwel 100 jum tal-mandat tal-Kulleġġ il-ġdid. Se niżgura li l-fehmiet taż-żgħażaġh jiġu kkunsidrati fit-tnejn tal-inizjattivi ta' politika.

Għandi esperjenza politika twila fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE. Fil-Kummissjoni attwali, servejt bħala Viċi President Eżekuttiv għall-Ekonomija għas-Servizz tan-Nies u bħala Kummissarju għall-Kummerċ. F'dawn ir-woli, kont qed nissorvelja r-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE, is-Semestru Ewropew u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Implimentajt il-politika kummerċjali tal-UE fuq tliet pilastri: (i) ħadt azzjoni assertiva meta sar abbuż mill-ftuħ tal-UE u żviluppajt sensiela ta' għodod awtonomi ġodda; (ii) issimplifikajt is-sostenibbiltà fil-politika kummerċjali tagħna u daħħalt dispożizzjonijiet dwar is-sostenibbiltà tal-ogħla livell fil-ftehimiet kummerċjali l-ġodda tagħna; u (iii) iddefendajt il-ftuħ tal-UE għall-kummerċ ħieles u ġust kif ukoll żgurajt l-appoġġ tal-UE għar-regoli kummerċjali globali u għar-riforma tad-WTO.

Fil-Kummissjoni Juncker (2014-2019), kont Viċi President għall-Ekonomija u d-Djalogu Soċjali. Servejt bħala Kummissarju Ewropew għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali mill-2016 sal-2020. Servejt bħala Prim Ministru tal-Latvja fi tliet gvernijiet konsekuttivi, minn Marzu 2009 sa Jannar 2014. Kont Membru tal-Parlament Ewropew (2004-2009), fejn kont membru tal-Kumitat għall-Baġits kif ukoll membru sostitut fil-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij. Din is-sena, ġejt elett fil-Parlament Ewropew għar-raba' darba. Ġejt elett ukoll tliet darbiet (fl-2002, fl-2010 u fl-2011) fis-Saeima (il-Parlament tal-Latvja) u kont il-Ministru għall-Finanzi tal-Latvja bejn l-2002 u l-2004.

Nimpenja ruħi li nkompli nirrispetta bis-siġħ l-obbligi tat-Trattati dwar l-indipendenza u l-integrità, l-imparzjalità u d-disponibbiltà, kif iddefiniti fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 17 TUE u fl-Artikolu 245 TFUE, kif ukoll l-obbligu ta' segretezza professjonali fl-Artikolu 339 TFUE. Niddikjara solennement li nirrispetta l-istandards ta' etika previsti f'dawn l-Artikoli u fil-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Kummissjoni Ewropea. Lestejt id-Dikjarazzjoni ta' Interess tiegħi, għamilha pubblika u se naġġornaha immedjatament f'każ ta' kwalunkwe bidla. Nintrabat ukoll li nevita kull pożizzjoni jew sitwazzjoni li tista' tpoġġi f'dubju l-indipendenza, l-imparzjalità u d-disponibbiltà tiegħi għall-Kummissjoni. Se noqgħod lura milli jkollni karigi pubbliċi oħrajn u milli nidħol f'attività professjonali oħra, bi ħlas u mhux. Inwiegħed li ninforma minnufih lill-President tal-Kummissjoni jekk tfeġġ sitwazzjoni li tista' tinvolvi kunflitt ta' interess fit-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tiegħi.

## **2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew**

*Tista' timpenja ruħek li tinforma kif xieraq lill-Parlament bl-azzjonijiet tiegħek u b'dawk tas-servizzi tiegħek? F'liema rigward tqis li għandek obbligu ta' rendikont fil-konfront tal-Parlament?*

*Liema impenji speċifiċi lest li tiegħu fir-rigward tal-involviment u tal-preżenza tiegħek fil-Parlament, kemm f'livell ta' kumitat kif ukoll fil-plenarja, it-trasparenza, il-kooperazzjoni u s-segwitu effettiv mogħti lill-pożizzjonijiet tal-Parlament u lit-talbiet tiegħu għal inizjattivi leġiżlattivi? B'rabta mal-inizjattivi ppjanati jew il-proċeduri attwali, lest tippovdi l-informazzjoni u d-dokumenti f'waqthom lill-Parlament l-istess bħalma tagħmel mal-Kunsill?*

Ninsab onorat li nġedded l-impenn tiegħi li naħdem f'kooperazzjoni u djalogu sħaħ mal-Parlament Ewropew (PE), jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju. Dan l-impenn se nestendih għall-istadji differenti tat-tfassil tal-politika,

il-proċessi leġiżlattivi u ta' implimentazzjoni, kif ukoll għal djalogu politiku usa'. Se niżgura wkoll li l-PE jiġi aġġornat regolarment, fuq l-istess livell mal-Kunsill, dwar l-aħħar żviluppi relatati mal-fajls fl-ambitu tal-portafoll tiegħi, u li l-opinjoni jiet tiegħu jitqiesu kif xieraq fil-proċessi ta' politika.

L-ewwel impenn tiegħi huwa għalhekk li nirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet u l-prerogattivi tal-Parlament fil-proċessi leġiżlattivi. Inqis li dan huwa ta' importanza kbira għal-leġittimità demokratika tal-proġett Ewropew, kif ukoll għal proċess leġiżlattiv rapidu u sod. Għalhekk se nkun preżenti fit-trilogi u nimpenna ruħi mill-qrib mal-Parlament Ewropew għal dan l-iskop.

Nemmen bis-sħiħ li kooperazzjoni dejjem aktar mill-qrib bejn il-Parlament u l-Kummissjoni se tkun essenzjali wkoll għall-isforzi tagħna biex nissimplifikaw, nikkonsolidaw u nikkodifikaw ir-regoli tal-UE. Fl-istess ħin, l-iżgurar tal-implimentazzjoni kif suppost tad-dritt tal-UE se jkun kruċjali. Il-leġiżlazzjoni hija tajba biss daqs il-mod kif tiġi applikata fil-prattika, u bosta soluzzjonijiet għal problemi ġodda jew rikorrenti nistgħu naslu għalihom semplicitment billi niżguraw l-applikazzjoni korretta tar-regoli eżistenti.

Għalhekk, it-tieni impenn tiegħi huwa li se nfassal magħkom l-aħjar proċess biex il-Parlament u l-Kummissjoni jaħdmu flimkien biex itejbu l-implimentazzjoni tar-regoli, il-politiki u l-obiettivi tal-UE, u s-simplifikazzjoni tal-liġijiet tagħna — filwaqt li jitħarsu bis-sħiħ il-kompetenzi u s-setgħat rispettivi tagħna. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nserraħ fuq id-Djalogi regolari ta' Implimentazzjoni tal-kollegi tiegħi biex niġbru feedback mill-partijiet ikkonċernati dwar x'qed jaħdem u x'mhuwiex. Din se tkun opportunità biex jittieħed kont tal-progress fl-implimentazzjoni, u jiġu identifikati oqsma li jeħtieġu aktar attenzjoni, biex jiġi żgurat li mil-liġijiet tagħna tabilħaqq joħorġu l-benefiċċji li suppost għandhom joħorġu.

It-tielet, se nattendu d-djalogi strutturati mal-kumitat(i) parlamentari responsabbli biex inwitti t-triq għal kwalunkwe riżoluzzjoni skont l-Artikolu 225 TFUE. Taħt it-tmexxija tal-Kummissarju għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali u t-Trasparenza, se nkompli — kif għamilt fil-mandat attwali — nkun leali lejn l-impenn tal-Kummissjoni li twieġeb għal dawn ir-riżoluzzjonijiet bi proposti leġiżlattivi b'rispett sħiħ tal-prinċipji tassussidjarjetà, tal-proporzjonalità u tat-tfassil aħjar tal-liġijiet.

Ir-raba', se nattendu s-sessjonijiet plenarji u ninvolvi ruħi mal-Kumitati rilevanti tal-Parlament Ewropew bħala parti mid-djalogi regolari tagħna u nwieġeb għal talbiet *ad hoc*, f'oqsma bħall-implimentazzjoni tal-qafas ta' governanza ekonomika, is-Semestru Ewropew, l-Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività li se jkollna fil-ġejjieni, u l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF).

Se ninforma lill-Parlament dwar ir-riżultati tas-sorveljanza multilaterali u se niddiskuti l-gwida politika maħruġa mill-Kummissjoni lill-Istati Membri, se nkompli nattendu d-djalogi regolari tas-Semestru u tal-RRF, u se nidher quddiem il-Parlament Ewropew biex niddiskuti d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill skont il-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv, jekk niġi mistieden nagħmel dan.

Il-ħames, f'konformità mad-dispożizzjonijiet previsti f'kull att legali, se niżgura t-trasparenza u l-fluss tal-informazzjoni mal-Parlament Ewropew. L-iskambji ta' informazzjoni matul il-5 snin li ġejjin se jimxu fuq il-passi tal-prattiki tajbin li ġew stabbiliti matul il-mandat 2019–2024 li bihom il-Parlament u l-Kunsill irċewew l-istess informazzjoni b'mod konsistenti fl-istess ħin. Pereżempju, taħt l-RRF, il-Kummissjoni kkondividiet aktar minn 260 dokument mal-Parlament sa mill-bidu tiegħu, inklużi l-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ppreżentati u mmodifikati, il-valutazzjoni tagħhom min-naħa tal-Kummissjoni u l-informazzjoni pprovduta lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fil-kuntest tat-talbiet għall-pagament.

Biex nikkonkludi, jien tal-fehma li d-djalogu u l-kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew se jkunu ta' importanza kbira matul il-5 snin li ġejjin, kemm biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ġodda u emerġenti kif ukoll biex jinkisbu riżultati tanġibbli fir-rigward tas-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli eżistenti. Jien tal-fehma li dawn il-kwistjonijiet huma responsabbiltà konġunta tal-Istituzzjonijiet kollha tal-UE.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij

### **3. Implimentazzjoni tal-qafas ta' governanza ekonomika riformat**

*Fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tal-qafas ta' governanza ekonomika rivedut, kif se tiżgura trattament ugwali tal-Istati Membri fil-prattika, filwaqt li tiżgura r-regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni b'mod sħiħ, imparzjali u indipendenti minn kwalunkwe influwenza politika? Kif biħsiebek tiżgura finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, filwaqt*

*li tippromwovi tkabbir sostenibbli u inklużiv permezz ta' investimenti u riformi, speċjalment meta jitqiesu l-kuntesti ekonomiċi differenti u l-livelli ta' dejn elevati ta' Stati Membri individwali?*

Billi ġej minn Stat Membru ċkejken, għandi sensitività partikolari għall-importanza tat-trattament ugwali. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nimpjenja ruħi bis-sħiħ li napplika l-qafas ta' governanza ekonomika rivedut b'mod koerenti u imparzjali, u li ninforza r-regoli b'mod kredibbli u trasparenti. Nixtieq infakkar ukoll li l-implimentazzjoni tal-qafas riformat se tkompli tiddependi fuq l-istatistika Ewropea ta' kwalità għolja u indipendenti pprovduta mill-Eurostat.

Il-qafas rivedut fih diversi karatteristiċi li jirrikonċiljaw il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tad-dejn u l-ħtieġa għal investimenti u riformi biex jitrawwem tkabbir sostenibbli u inklużiv.

L-ewwel nett, il-qafas iqis is-sitwazzjoni speċifika ta' kull Stat Membru. Dan jintroduċi approċċ ibbażat fuq ir-riskju, li jiddistingwi bejn l-Istati Membri abbażi tas-sitwazzjonijiet makro-fiskali individwali tagħhom, fl-ambitu ta' qafas komuni trasparenti. Perkorsi ta' aġġustament fiskali pluriennali u differenzjati jiżguraw tnaqqis gradwali u plawżibbli tad-dejn pubbliku, li d-djun jikkonverġu lejn livelli prudenti u jibqgħu f'dawk l-ilmijiet, u li d-defiċits jinġiebu taħt it-3 % tal-PDG u jibqgħu hekk. L-Istati Membri bi sfidi baxxi għas-sostenibbiltà fiskali se jkollhom rekwiżiti ta' aġġustament inqas impenjattivi, jew saħansitra l-ebda rekwiżit ta' aġġustament, skont is-sitwazzjoni individwali tagħhom.

It-tieni, u partikolarment rilevanti għall-Istati Membri bi sfidi fiskali aktar sinifikanti, il-qafas jipprovdi possibbiltà għal perjodu ta' aġġustament itwal, jekk dan ikun sostnut minn riformi u investimenti li jsaħħu l-potenzjal tat-tkabbir u s-sostenibbiltà fiskali u jsiru bi tweġiba għall-prijoritajiet komuni tal-UE.

It-tielet, il-qafas il-ġdid jiproteġi n-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament tal-programmi ffinanzjati mill-UE, billi jeskludi tali nefqa mill-indikatur ewlieni tal-monitoraġġ fiskali. Dan ifisser li l-Istati Membri jistgħu jżidu n-nefqa nazzjonali tagħhom fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-UE, biex jappoġġaw proġetti ta' investiment mingħajr ma jaffettwaw il-konformità mar-regoli fiskali.

Il-qafas rivedut jinkludi diversi elementi ulterjuri li se jappoġġaw implimentazzjoni imparzjali u infurzar kredibbli. Il-marġni akbar ta' manuvra għall-Istati Membri biex jistabbilixxu l-istrategġiji fiskali, ta' riforma u ta' investiment tagħhom stess timxi id f'id ma' proċeduri ta' infurzar imsaħħa u aktar sempliċi. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni se tkun ibbażata fuq indikatur operazzjonali uniku, li jiffaċilita l-valutazzjonijiet tal-konformità.

Jien haadt impenn, u se nibqa' leali lejha, li nżomm lill-Parlament Ewropew involut b'mod regolari u strutturat fil-proċessi ta' sorveljanza fiskali, u fis-Semestru Ewropew usa', skont id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont.

#### **4. Investiment u Kompetittività**

*Hekk kif in-Next Generation EU jasal fi tmiemu fl-aħħar tal-2026, il-Kummissjoni l-ġdida kif se tindirizza d-domanda enormi għall-investiment pubbliku, inkluż biex jiġi indirizzat id-distakk fil-produttività tal-UE, mingħajr ma jitnaqqsu r-riżorsi baġitarji f'oqsma importanti oħra? Kif biħsiebek iżżid il-kompetittività u l-produttività tal-ekonomija tal-UE? Kif se jkun ta' appoġġ il-Fond Ewropew għall-Kompetittività li tħabbar?*

It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet kondiviżi tal-UE, inklużi d-difiża u s-sigurtà, u l-isfida li nżidu t-tkabbir tal-produttività tal-UE kollha jinvolvu investiment għoli ħafna. Filwaqt li l-finanzjament privat se jkollu jsostni l-biċċa l-kbira ta' dan l-isforz, ir-riżorsi pubbliċi — inkluż fil-livell tal-UE, permezz tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali u li jmiss — se jkollhom rwol ewlieni wkoll. L-investiment pubbliku se jkun meħtieġ biex jiffinanzja l-infiq fuq l-infrastruttura, u speċjalment biex jintervjeni f'oqsma fejn l-atturi privati waħedhom għandhom haħta ma jinvestux biżżejjed, bħar-riċerka bażika, l-innovazzjoni radikali u l-proġetti pan-Ewropej fuq skala kbira, jew il-ħiliet. Il-flejjes pubbliċi jistgħu u għandhom jintużaw biex jagħtu direzzjoni u ingranaġġ lill-investiment privat u jnaqqsu l-riskji fl-għanijiet komuni tagħna. Dan huwa wkoll fejn il-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment u l-istituzzjonijiet finanzjarji bħall-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, kif ukoll banek promozzjonali nazzjonali se jkollhom rwol kritiku biex jixprunaw u jwasslu għall-inklużjoni ta' investiment privati biex isostnu l-oġettivi ta' politika tal-UE u l-prijoritajiet ġodda emerġenti.

Se jkun jeħtiġilna wkoll li niżguraw li fis-seħħ ikun hemm ir-riformi u l-kundizzjonijiet qafas it-tajba. Il-Kummissjoni l-ġdida għalhekk beħsiebha tiffoka fuq l-ixprunar tal-investimenti pubbliċi u privati u fuq iż-żieda fil-produttività. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nagħti l-kontribut tiegħi għal dan l-isforz.

L-ewwel prijorità tiegħi se tkun li nkompli naħdem biex niżgura żborżi sħaħ tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sa tmiem l-2026. B'dan il-mod, se nkompli nappoġġa b'mod attiv lill-Istati Membri fit-twettiq tar-riformi u l-investimenti tagħhom. B'mod parallel, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex jitħaffef il-pass tal-assorbiment tal-fondi ta' koeżjoni eżistenti, li se jipprovdu riżorsi pubbliċi għall-investimenti lil hinn mill-2026.

It-tieni, kif sħaqt fil-mistoqsija 1, se niżgura applikazzjoni kredibbli u imparzjali tar-regoli fiskali l-ġodda. Meta mqabbla ma' dawk il-qodma, dawn iwasslu aktar għal żieda fl-investment pubbliku u jinkludu inċentivi għar-riformi. Billi niżguraw li l-qafas fiskali l-ġdid tagħna jiġi applikat kif suppost, nistgħu nġinu biex inżommu l-kostijiet tal-ksib tal-fondi għall-Istati Membri baxxi. Dan huwa kritiku għall-investimenti pubbliċi u privati.

It-tielet, fir-rwol tiegħi bħala Kummissarju responsabbli għas-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni, se nikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent regolatorju prevedibbli u aktar favorevoli għan-negozju, u fl-istess waqt nibqa' nara li tintlaħaq it-tranżizzjoni doppja tal-UE. Qafas legali prevedibbli u proporzjonali huwa essenzjali biex jixpruna l-investment privat u l-innovazzjoni li mingħajrhom ma jistax ikun hemm tkabbir tal-produttività.

Ir-raba', il-baġit tal-UE se jkompli jkun xprunatur importanti għall-kompetittività Ewropea. Però rridu nagħmluh aktar sempliċi. Il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss se jkollu jtfassal billi jinsiltu tagħlimiet mill-baġit attwali — b'mod partikolari biex jittejjbu s-sempliċità, il-flessibilità, il-veloċità u l-fokus strateġiku, filwaqt li tinżamm il-konverġenza fl-UE.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tiżviluppa Fond Ewropew għall-Kompetittività biex tinvesti fl-innovazzjoni u t-teknoloġiji li se jsawru l-ekonomija tagħna fil-ġejjieni u jkunu l-mutur tat-tranżizzjonijiet tagħna. Il-kompetittività tal-Ewropa, u l-pożizzjoni tagħha fit-tiġrija li twassal għal ekonomija nadifa u diġitali, se jiddependu fuq il-bidu ta' era ġdida ta' innovazzjoni u ta' inġenjożità. Dan jirrikjedi li r-riċerka u l-innovazzjoni, ix-xjenza u t-teknoloġija jitpoġġew fiċ-ċentru tal-ekonomija tagħna, u li jiġi żgurat li dawn jintużaw fuq skala industrijali. Biex nilħqu dan l-oġettiv, l-għodod tagħna jeħtieġ li jkunu adegwati biex jintużaw għal dan l-iskop. Illum, l-infiq tal-UE, inkluż għall-kompetittività, huwa mifrux fuq wisq programmi u strumenti ta' nfiq. Dan iwassal għal għadd kbir ta' rekwiżiti differenti għall-benefiċjarji, sovrappożizzjoni fl-obbligi ta' rapportar u diffikultajiet biex il-finanzjament jiġi kkombinat b'mod effettiv, kif indikat ukoll fir-rapport Draghi.

Il-Fond Ewropew għall-Kompetittività tal-ġejjieni se jinvesti f'setturi u teknoloġiji strateġiċi — mill-IA sal-ispazju, mit-teknoloġija nadifa sal-bijoteknoloġija — sabiex jiġi żgurat li niżviluppawhom u nimmanifatturawhom fl-Ewropa. Se jkun jeħtieġlu jisfrutta l-qawwa xprunatriċi tal-baġit tal-UE biex l-investment privat ikollu ingranaġġ aħjar u jitnaqqas r-riskji fl-għanijiet komuni tagħna. Meta tistabbilixxi dan il-Fond il-ġdid, il-Kummissjoni tista' tibni fuq l-esperjenza li kisbet bl-istrumenti tal-imgħoddi u dawk attwali. Huwa essenzjali li nibnu fuq din is-sħubija mifruxa mal-UE kollha li rnexxiet mas-settur privat biex jiġi mobilizzat appoġġ addizzjonali sostanzjali għall-ekonomiji tagħna, ikkoordinat mill-qrib b'mod partikolari mal-Grupp tal-BEI, il-BERŻ, u l-banek promozzjonali nazzjonali.

Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se niżviluppa, flimkien ma' dan il-Fond il-ġdid, Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività, kif propost fir-rapport Draghi, biex insarraf l-oġettivi tal-kompetittività fl-UE kollha f'politiki nazzjonali u tal-UE kkoordinati, filwaqt li niżgura finanzjament pubbliku u privat għal kull prijorità strateġika. L-iskop ta' din l-għodda huwa li ssaħħaħ il-koerenza bejn il-kapaċità ta' investment tal-UE u l-politiki nazzjonali fl-Istati Membri; li tallinjahom għall-kisba ta' sett ta' prijoritajiet komuni sabiex ikunu ta' rinforz reċiproku. Dan jipprovdi aktar ċertezza, prevedibilità u skala fis-Suq Uniku, inaqqas il-frammentazzjoni u jgħin biex jimmobilizza l-investment massiv meħtieġ għall-aġenda tal-kompetittività tal-UE.

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-Membri l-oħra tal-Kulleġġ, se nirriflettu dwar l-aħjar mod biex din l-għodda l-ġdida tikkomplementa, issaħħaħ u, fejn possibbli, tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-għodod ta' governanza eżistenti għall-monitoraġġ u t-tmexxija tal-investment u r-riformi fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Għandi f'moħħi, pereżempju, ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività, id-Deċennju Diġitali u l-qafas ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika. Se niżguraw li l-għodda l-ġdida taħdem sew flimkien mas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tal-impjegi, filwaqt li toħloq sinerġiji u tevita s-sovrappożizzjonijiet.

L-RRF uriet il-benefiċċji li jirriżultaw meta r-riformi jiġu abbinati mal-investimenti u meta jsiru żborżi li jkunu bbażati fuq il-kisba ta' outputs u riżultati predefiniti, aktar milli fuq il-kostijiet reali mġarrba. Bis-saħħa ta' dan l-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni, l-implimentazzjoni tar-riformi importanti fl-Istati Membri ħaffet il-pass b' mod sinifikanti. L-appoġġ li l-Kummissjoni pprovdiet lill-Istati Membri, inkluż permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, kien importanti fit-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li jwettqu r-riformi. Dan se jibqa' rilevanti matul is-snin li ġejjin, peress li xi riformi huma essenzjali għall-ħolqien tal-kundizzjonijiet qafas għal tkabbir oġhla fil-produttività fil-ġejjieni. Pereżempju, dawk li jipprovdu għajnuna għal ambjent aktar favorevoli għan-negozju, jipprovdu inċentivi għat-twettiq ta' investimenti u attivitajiet innovattivi u li jiffaċilitaw ir-riallokazzjoni tar-riżorsi għal setturi bi produttività għolja. Fl-istess waqt, se jkollna b'zonn nagħmlu sforzi ulterjuri biex inkomplu nnaqqsu l-piżijiet amministrattivi marbuta mal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE, inkluż għall-RRF.

Fl-aħħar nett, jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nagħti direzzjoni lis-servizzi tiegħi biex jikkontribwixxu għall-analiżi li fuqha tissejjes l-aġenda tal-kompetittività tal-UE, filwaqt li naħdem mill-qrib ma' servizzi oħra. Biex nerġġhu niksbu l-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa, għandna b'zonn nidentifikaw u naraw li niksbu aġenda koerenti ta' riformi u investimenti fil-livelli kollha: reġjonali, nazzjonali u mifruxa fl-UE kollha. Is-Semestru Ewropew u l-ġhodka ta' koordinazzjoni tal-kompetittività l-ġdida huma strumenti importanti biex tiġi żgurata tali koerenza politika.

## 5. Semestru Ewropew

*X'inhil-pożizzjoni tiegħek rigward l-enfasi u l-oġettivi tas-Semestru Ewropew, inkluż dwar il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u konverġenza sostnuta tar-rendimenti ekonomiċi tal-Istati Membri, il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, u s-sorveljanza demokratika tiegħu? Il-Kummissjoni kif se tkompli tintegra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti fis-Semestru Ewropew, kif imħabbar fl-ittra ta' missjoni tiegħek, kif ukoll il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali? Kif tkun l-interazzjoni tal-Qafas ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività mas-Semestru Ewropew?*

Is-Semestru Ewropew wera li huwa qafas flessibbli u adattabbli għall-koordinazzjoni tal-politiki tagħna u li jirrispondi fil-pront għall-bidliet fil-kundizzjonijiet ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali. L-enfasi tal-koordinazzjoni tagħna taħt is-Semestru se tkompli tkun l-oġettivi tal-Unjoni ta' tkabbir u impjiegi sostenibbli u inklużivi, filwaqt li fil-qalba tiegħu stess jibqa' jkun hemm il-kompetittività, il-prosperità, is-sostenibbiltà u l-ekwità soċjali.

Mill-2018, is-Semestru Ewropew ilu jintegra u jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jaġixxi bħala boxxla għall-kisba ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar madwar l-Ewropa. Dan l-approċċ ikompli jsaħħaħ l-enfasi fuq il-koeżjoni soċjali, l-ugwaljanza, u l-iżvilupp sostenibbli fl-Istati Membri kollha. Il-qafas ta' governanza ekonomika rivedut li ġie adottat fir-rebbiegħa li għaddiet jaċċentwa aktar ir-riformi u l-investimenti li jindirizzaw il-prijoritajiet komuni tal-UE, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u b'hekk isaħħaħ ulterjorment ir-rwol tiegħu.

Fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2024, integraina wkoll il-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali (SCF, Social Convergence Framework) biex insaħħu l-valutazzjoni tar-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nibqa' nżomm l-impenn li nkompli nwettagħ monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, u billi nuża l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali. Dawn il-prinċipji huma wkoll parti mill-qafas il-ġdid ta' governanza makroekonomika, li ġie adattat biex jiżgura li l-finanzi pubbliċi jkunu sostenibbli, u li l-politika fiskali tikkontribwixxi għall-kompetittività, it-tkabbir u l-prosperità — inkluż permezz tar-rabta bejn l-oġettivi fiskali u r-riformi u l-investimenti.

Il-Kummissjoni integrat l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti fil-politiki tagħna u fil-qafas tas-Semestru Ewropew miċ-ċiklu tal-2020. Dan jirrifletti l-impenn tal-Unjoni li twettaq l-Aġenda 2030 fil-politiki rilevanti kollha biex tippromwovi l-prosperità ekonomika u soċjali fl-Ewropa b' mod sostenibbli. Meta nivvalutaw il-prestazzjoni ekonomika, nidentifikaw l-isfidi strutturali, u nagħmlu rakkomandazzjonijiet ta' politika, l-SDGs tan-Nazzjonijiet Uniti servew bħala l-boxxla tagħna, u se jkomplu jagħmlu dan. Barra minn hekk, kien, u se jibqa', vitali li l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-SDGs fil-livell tal-Unjoni Ewropea jkun imsejjes fuq informazzjoni u indikaturi statistiċi robusti pprovduti mill-Eurostat. Fis-snin li ġejjin, l-aġġornament tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali u Reġjonali se jipprevedi integrazzjoni aktar b'saħħitha tal-benesseri soċjali u s-sostenibbiltà ambjentali fl-istatistika tal-UE. Jekk niġi kkonfermat, se niżgura li l-Kummissjoni tkompli tivvaluta l-progress tal-UE u tal-Istati Membri fir-rigward tal-SDGs.

L-impatt dejjem jikber tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali fuq is-soċjetajiet tagħna jirrikjedi azzjoni politika kontinwa u deċiżiva. Għalhekk l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew tibqa' riżultat ewlieni mistenni li jinkiseb mill-Kummissjoni li jmiss, u aħna nirsistu biex nilħqu l-miri u l-oġġettivi li f'issajna b'mod kollettiv għalina n'fusa. Il-koordinazzjoni tagħna tal-politiki taħt is-Semestru Ewropew għenet biex tidderieġi l-oqsma ta' politika rilevanti fit-triq tal-kisba tal-oġġettivi klimatiċi tagħna. Pereżempju, is-Semestru Ewropew appoġġa r-rispons ta' politika li kellhom it-tranżizzjoni tal-enerġija fil-mira tagħhom u identifika l-ħtiġijiet speċifiċi ta' riforma u investment tal-Istati Membri, filwaqt li nindirizza kemm l-isfidi li ilhom jeżistu kif ukoll dawk ġodda — bħaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika kumplessiva, l-infrastruttura tal-enerġija rinnovabbli u tal-enerġija, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-preservazzjoni tal-ambjent u r-riżorsi tagħna. Ninsab determinat li niżgura li t-tranżizzjoni ekoloġika tibqa' dimensjoni ewlenija tal-istrategġija tal-kompetittività tal-UE, koerenti ma' tkabbir tal-produttività aktar b'saħħtu u ġustizzja soċjali, u msejsa fuq ambjent makroekonomiku stabbli.

L-Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività se ssaħħa il-koerenza bejn il-kapaċità ta' investment tal-UE u l-politiki nazzjonali fl-Istati Membri billi tallinjahom ma' sett komuni ta' prijoritajiet sabiex dawn ikunu ta' rinforz reċiproku, kif imsemmi fit-tweġiba tiegħi għall-mistoqsija 4.

Fl-aħħar nett, u b'mod kunsiderevoli, l-obbligu ta' rendikont u s-sorveljanza demokratika tal-koordinazzjoni tal-politika u tas-sorveljanza makroekonomika huma kruċjali. Is-Semestru Ewropew huwa mfassal biex jindirizza kwistjonijiet ta' tħassib komuni, jitratta l-aktar sfidi urġenti u jżid it-tnejn u r-reżiljenza tal-Unjoni tagħna. Il-valur veru tiegħu jinsab f'li jingħataw widen il-partijiet ikkonċernati u f'li tittieħed azzjoni fl-aħjar interessi tal-Ewropa. Għalhekk huwa imperattiv li ninvolvu ruħna mas-sħab soċjali u s-soċjetajiet ċivili tagħna, speċjalment iż-żgħażaġh Ewropej, jekk irridu nwettqu bidla sinifikattiva fl-oqsma li huma l-aktar importanti għan-nies tagħna. Djalogu politiku ġenwin mal-Istati Membri u r-reġjuni, speċjalment meta jiġu indirizzati sfidi u riformi kumplessi li jirrikjedu ż-żmien, huwa kruċjali għal implimentazzjoni effettiva fil-prattika. L-iżgurar li l-Istati Membri jagħmlu tagħhom ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika jibqa' kruċjali biex jinkisbu riformi effettivi, u biex issir bidla reali u tingħata prosperità liċ-ċittadini. Se niżgura li jsiru djalogi mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati mhux biss dwar l-isfidi identifikati, iżda wkoll dwar l-azzjonijiet ta' politika li jistgħu jiġu implimentati sabiex dawn jiġu indirizzati. Għandi l-impenn li nsaħħa il-missjonijiet tekniċi u politiki fl-Istati Membri, biex inkompli nsaħħa il-kollaborazzjoni u nsaħħa ulterjorment l-effettività tar-rakkomandazzjonijiet ta' politika. Barra minn hekk, jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se niddedika ruħi għall-promozzjoni ta' djalogu mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew dwar il-governanza ekonomika. Is-Semestru Ewropew joffri opportunità eċċellenti għal kollaborazzjoni mill-qrib dwar il-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali.

Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali

## **6. Tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u ta' rapportar**

*L-ittra ta' missjoni tiegħek titolbok tagħmel proposti dwar it-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u ta' rapportar li jinħolqu mil-liġijiet u mill-politiki tal-UE u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-kontroll fir-rigward tal-SMEs u tal-kompetittività. Fil-fehma tiegħek: (i) liema huma l-obbligi amministrattivi u ta' rapportar ewlenin li jfixklu l-kompetittività tal-SMEs bħalissa u (ii) liema passi għandhom jittieħdu f'termini ta' diġitalizzazzjoni, razzjonalizzazzjoni u simplifikazzjoni tal-obbligi eżistenti biex jtnaqqas dan il-piż, fuq bażi bbażata fuq l-evidenza u mingħajr ma jkun hemm kompromess fuq l-għanijiet tas-sostenibbiltà?*

Piż amministrattiv eċċessiv jagħmel l-implimentazzjoni tal-liġi u l-programmi tal-UE waħda ingumbranti għall-utenti kollha — l-awtoritajiet pubbliċi, il-kumpaniji, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll iċ-ċittadini. B'mod partikolari, dan ixejjel ukoll il-produttività u l-investimenti tal-kumpaniji, u jnaqqas il-kapaċità tal-Ewropa li tattira investimenti, kumpaniji u talent barranin.

Illum, l-Ewropa qed tiffaċċja sfida fir-rigward tal-kompetittività li tirrikjedilna nħarsu b'mod kritiku u olistiku lejn kif ir-regoli tal-UE għandhom impatt fuq il-kapaċità tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, li joperaw, jaċċessaw il-finanzjament, jinvestu, jinnovaw u jespandu l-operazzjonijiet tagħhom fl-Ewropa. Irridu noħolqu ambjent regolatorju aktar sempliċi u aktar favorevoli għan-negozju, mingħajr ma jiġu kompromessi l-għanijiet ta' politika tagħna u l-istandards tagħna. Trid tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni fil-prattika tal-liġijiet tal-UE. Dan jirrikjedi wkoll li jitqies aħjar l-impatt li l-liġijiet tal-UE għandhom tul il-ktajjen tal-provvista, speċjalment għall-SMEs. Matul dawn l-aħħar snin, għaddejna liġijiet immirati għall-kumpaniji l-kbar iżda, fil-prattika, l-obbligi jaqgħu wkoll fuq l-SMEs. Din hija kwistjoni orizzontali ewlenija u kumplessa li nixtieq naħdem fuqha, flimkien mal-Parlament, jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju.

Biex nikseb dawn l-għanijiet, se nikkoordina l-ħidma tal-Kummissarji sħabi dwar it-tnaqqis tal-piżijiet, l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni. B'segwitu għal-Linji Gwida Poliċi tal-President von der Leyen, se nagħtu titwila kritika lejn l-acquis kollu. Se niżgura li nikkonċentraw l-isforzi tagħna u nagħtu segwitu l-ewwel għall-prijoritajiet prinċipali identifikati fir-rapporti Draghi u Letta, u għall-konsultazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, se naħdem ukoll mal-Viċi President Eżekuttiv għall-Prospertà u għall-Istrateġija Industrijali biex nara li jitnaqqsu l-bosta ostakli li jkomplu jifframentaw is-Suq Uniku tagħna u ma jħallux lill-SMEs jikbru u jespandu fl-Ewropa.

Jekk niġi kkonfermat, se nintroduċi mill-aktar fis l-għodod il-ġodda ta' simplifikazzjoni u implimentazzjoni stabbiliti fil-Linji Gwida Poliċi (jekk jogħġobkom araw ukoll it-tweġibiet għall-mistoqsijiet 7 u 11). Se naċċerta li dawn l-għodod ikunu utentċentriċi. Se nappoġġa lill-kollegi tiegħi biex iwettqu test tal-istress fuq l-acquis li minnu huma inkarigati, filwaqt li nara li nneħħi regoli obsoleti, duplikati, superfluwi u ineffiċjenti, inkluż dwar ir-reqwiziti ta' rapportar. Se nżomm ir-rispett għall-istandards għoljin tagħna, ir-regolamentazzjoni aħjar, il-proporzjonalità u l-prinċipji tas-sussidjarjetà. Dan dejjem se jkun ibbażat fuq analiżi bir-reqqa u fuq il-ġbir ta' feedback mill-kumpaniji, inklużi l-SMEs, u l-partijiet ikkonċernati.

L-eżitu se jkun sensiela ta' miżuri mmirati għas-simplifikazzjoni fis-setturi kollha tal-acquis tal-UE. Xi wħud minn dawn il-miżuri se jkunu leġiżlattivi filwaqt li oħrajn se jkunu magħmula minn gwida u kjarifiki tekniċi. L-awtoritajiet u l-aġenziji Ewropej ukoll se jintalbu jikkontribwixxu għal dawn l-isforzi. Maż-żmien, dan se jiżgura li l-liġijiet tagħna jsiru aktar faċli biex jiġu implimentati u aħjar biex jipromwovu t-tkabbir sostenibbli, il-kompetittività u l-prospertà kondiviża fl-Ewropa.

Fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni, jien inżomm l-impenn sħiħ tiegħi li nisfrutta l-potenzjal tagħha: l-intelliġenza artifiċjali, l-istandardizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tad-*data* huma mezzi essenzjali biex jiġu minimizzati l-piżijiet regolatorji. Se noqgħod b'seba' għajnejn biex niżgura li l-proposti l-ġodda tal-Kummissjoni jibnu fuq il-prinċipji "diġitali b'mod awtomatiku" u "ta' darba biss", sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fil-ġejjieni. It-testijiet tal-istress tagħna tal-leġiżlazzjoni eżistenti se jagħtu wkoll attenzjoni mill-qrib fir-rigward tal-introduzzjoni ta' soluzzjoni diġitali biex tieħu post il-karta. L-għan tiegħi se jkun li nbiddel ir-rapportar ibbażat fuq il-formoli b'rapportar standardizzat ibbażat fuq id-*data* biex wieħed ikun jista' jserraħ aktar fuq għodod awtomatizzati li jkunu interoperabbli. Għal dan l-għan, se naħdem mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv innominat dwar is-Sovranità Teknoloġika, is-Sigurtà u d-Demokrazija.

Se naħdmu wkoll mal-Kummissarji responsabbli biex iwettqu inizjattivi diġitali li jagħmlu ħajjet il-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, u ħajjet in-nies aktar faċli, bħall-espansjoni tal-użu ta' pjattaformi elettroniċi għall-ġbir u l-kondiviżjoni tad-*data* għar-rapportar u għat-tweġiq tan-negozju, u se navvanzaw fil-ħidma tagħna fir-rigward tal-ispazji tad-*data*, il-kartiera diġitali u soluzzjonijiet diġitali oħra li l-Kummissjoni tipprovdli lill-amministrazzjonijiet u lin-negozji. Se jkun importanti wkoll għall-koleġiżlaturi li jaqblu f'qasir żmien fuq inizjattivi pendenti rilevanti bħall-VAT fl-era diġitali u l-fatturazzjoni elettronika.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, se niżviluppa u niżgura l-applikazzjoni konsistenti ta' kontroll rinfurzat fir-rigward tal-SMEs u tal-kompetittività għall-inizjattivi leġiżlattivi l-ġodda kollha.

## **7. Implimentazzjoni u simplifikazzjoni**

*Sabiex ikun eħfef biex iseħħ in-negozju u jiġi approfondit is-suq uniku, il-President elett tinkariga lil kull Kummissarju bil-kompitu ta' simplifikazzjoni u implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, kif stabbilit fil-Linji Gwida Poliċi tagħha għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024-2029. L-ittri ta' missjoni tal-Kummissarji nnominati jinkludu wkoll enfasi orizzontali dwar is-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni fil-portafolli kollha. Fil-kuntest tas-simplifikazzjoni, objettiv trasversali fil-portafolli kollha huwa li "jitnaqqsu l-obbligi ta' rapportar tal-anqas b'25% - u għall-SMEs tal-anqas b'35%". Dawn il-kompiti orizzontali jinkludu wkoll djalogi ta' implimentazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u t-tnejn ta' rapporti ta' progress annwali dwar l-infurzar u l-implimentazzjoni fl-oqsma koperti minn kull Kummissarju, li l-Kummissarju għall-Implimentazzjoni u s-Simplifikazzjoni se jkun involut direttament fil-koordinazzjoni u fit-tnejn tagħhom.*

*Biex daww l-objettivi orizzontali jintlaħqu, tista' telabora dwar kif il-miżuri speċifiċi li biħsiebek tiegħi u l-metodoloġija li biħsiebek tapplika f'dan il-kuntest se jkunu innovattivi b'rabta mal-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar, inkluż kif ir-rapporti tal-progress settorjali msemmija hawn fuq se jkunu relatati mar-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, kif l-implimentazzjoni nazzjonali se tiġi mmonitorjata f'waqtha u n-nonkonformità identifikata segwita debitament b'azzjoni ta' infurzar xierqa?*



Skont il-Linji Gwida Poliċi tal-President, l-implimentazzjoni u simplifikazzjoni se jkunu prijoritajiet maġġuri għall-Kummissjoni l-ġdida. L-UE issa għandha diversi liġijiet fis-seħħ li jstabbilixxu miri ambizzjużi. Pereżempju: il-pakkett “Lesti għall-mira ta’ 55 %”, id-Deċennju Diġitali, il-miri tal-impjiegi, tal-ħiliet u tal-faqar skont il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli kollha kemm huma jstabbilixxu miri numeriċi, li ta’ sikwit ikunu jridu jintlaħqu sal-2030. Se jkun meħtieġ sforz konġunt biex jintlaħqu l-oġettivi ambizzjużi li dwarhom l-UE laħqet qbil. Min-naħa tal-Kummissjoni, il-Kulleġġ kollu se jiġi mobilizzat għal dan l-għan.

Kif iddikjarajt fit-tweġiba preċedenti tiegħi, se nistabbilixxi f’qasir żmien l-għodod il-ġodda ta’ simplifikazzjoni u implimentazzjoni stabbiliti fil-Linji Gwida Poliċi. Se nissorvelja l-proċess tal-ittestjar tal-istress tar-regoli eżistenti li se jitwettaq minn kull Kummissarju u dipartiment, u se nikkoordina l-ħidma mal-Kummissarji sħabi biex inressaq proposti għas-simplifikazzjoni, il-konsolidazzjoni u l-kodifikazzjoni tagħhom.

Biex ilaħħmu dan l-ittestjar tal-istress, il-Kummissjoni se tintroduċi żewġ għodod ġodda: id-Djalogi ta’ Implimentazzjoni mal-partijiet ikkonċernati li kull Membru tal-Kulleġġ se jorganizza minn tal-inqas darbtejn fis-sena, u l-Verifiki tar-Realtà ta’ kif ir-regoli jiġu applikati fil-prattika mill-kumpaniji u mill-amministrazzjonijiet. Filwaqt li nibnu fuq is-sejbiet, se nippreżentaw proposti speċifiċi biex nissimplifikaw u nnaqqsu l-piżijiet u nfasslu lista ta’ evalwazzjonijiet li għandhom jiġu ppreżentati flimkien mal-programm ta’ ħidma tal-Kummissjoni kull sena. Dawn l-evalwazzjonijiet se jittrattaw partijiet individwali tal-leġiżlazzjoni jew diversi partijiet rilevanti għal ċerti setturi jew oqsma (kontrolli tal-idoneità).

Dan il-proċess se jgħinna wkoll niksbu riżultati fir-rigward tal-impenn li nnaqqsu r-rekwiżiti ta’ rapportar b’minn tal-inqas 25 % u minn tal-inqas 35 % għall-SMEs b’mod speċifiku. Bi tnejn għal dan, se niżgura li jkollna linja bażi kredibbli. Irrid nagħmel differenza vera għall-impreditturi u għal partijiet ikkonċernati oħra billi niffrankalhom il-ħin sabiex ikunu jistgħu jiffukaw fuq l-innovazzjoni, l-espansjoni tan-negozju tagħhom u l-ħolqien ta’ aktar impjiegi fl-Ewropa.

Se nirrappurtaw dwar il-progress, kemm politiku kif ukoll tekniku, lill-Parlament Ewropew. Il-Kummissarji se jħejju u jippreżentaw rapporti ta’ progress annwali dwar l-infurzar u l-implimentazzjoni lill-Kumitat tal-Parlament Ewropew u lill-formazzjonijiet tal-Kunsill rispettivi tagħhom. Se nikkoordina dawn l-isforzi biex niżgura segwitu xieraq għad-diskussjonijiet.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni, se naħdem biex niffaċilita t-tweġiq tal-politiki tagħna fil-prattika. Dan ifisser li se nkun ta’ appoġġ għall-Istati Membri iżda wkoll li nkun lest nieħu azzjoni fir-rigward tal-infurzar. L-oġettiv tagħna huwa wkoll li nespandu l-miżuri ta’ appoġġ prattiku u tekniku għall-Istati Membri, inkluż permezz tal-Istrument ta’ Appoġġ Tekniku, u ninvolvu aktar atturi tal-UE fil-prijoritizzazzjoni u l-inċentivar tal-implimentazzjoni. Sforzi akbar, permezz ta’ kooperazzjoni eqreb mal-Istati Membri, biex jiġi l-ewwel u qabel kollox evitat li jfeġġu l-kwistjonijiet, se jiffaċilitaw l-implimentazzjoni. Id-Djalogi ta’ Implimentazzjoni se jservu wkoll biex jidentifikaw l-ostrakli għall-implimentazzjoni u l-aħjar mod kif dawn jiġu indirizzati.

Il-proċeduri ta’ ksur se jibqgħu għodda importanti. M’aħniex se noqogħdu lura milli nużawhom meta jkun evidenti li Stat Membru ma jkunx lest jimplementa r-regoli maqbula. Se nkomplu nieħdu azzjoni ta’ infurzar meta nidentifikkaw ksur sistemiku tad-dritt tal-UE. Bħalissa għaddejjin aktar minn 1,500 proċedura ta’ ksur. Fl-2023, il-Kummissjoni ddeċidiet li ttejjgħ l-Qorti għadd rekord ta’ każijiet li jeħtieġu sanzjonijiet finanzjarji (45).

## **8. Tiġdid tal-Ftehim tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet**

*Fil-kuntest tas-simplifikazzjoni u tar-razzjonalizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni u tal-implimentazzjoni tagħha, il-President elett, fil-Linji Gwida Poliċi tagħha għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024-2029, tipproponi “li jiġġedded” il-Ftehim tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet “sabiex kull istituzzjoni tivvaluta l-impatt u l-ispiża tal-emendi tagħha bl-istess mod”. Wieħed mill-kompiti speċifiċi mogħti lill-Kummissarju għall-Implimentazzjoni u s-Simplifikazzjoni se jkun li jmexxi n-negozjati dwar “ftehim Interistituzzjonali mġedded”.*

*X’reviżjonijiet speċifiċi biħsiebek tipproponi għall-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, inkluż dwar l-indipendenza u t-trasparenza tal-valutazzjonijiet tal-impatt u r-rwol tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju, kif ukoll dwar l-impenn tal-Kummissjoni li verament tippreċedi proposta b’valutazzjoni tal-impatt kull meta meħtieġ mill-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar, u dawn ir-reviżjonijiet x’impatt se jkollhom fuq l-effiċjenza tal-proċess leġiżlattiv u l-bilanċ tas-setgħat tat-teħid tad-deċiżjonijiet?*

Kważi 10 snin ilu, it-tliet istituzzjonijiet ingħaqadna flimkien biex nattivaw l-impenn tagħna għal tfassil ta' politika trasparenti u bbażat fuq l-evidenza. Dan kien mument sinifikattiv meta erfajna responsabbiltà konġunta biex inwettqu leġislazzjoni tal-Unjoni ta' kwalità għolja li tilħaq l-oġġettivi ta' politika tagħna.

Dan il-ftehim provda struttura għall-kooperazzjoni tagħna u sarraf l-impenn komuni tagħna biex intejbu l-mod kif tillegżla l-UE, billi ġie żgurati li t-tliet istituzzjonijiet ikunu impenjati għal kooperazzjoni sinċiera u trasparenti matul iċ-ċiklu leġislattiv kollu. Il-Ftehim jirrikonoxxi u jtenni r-rwol kruċjali u r-responsabbiltà demokratika tal-Parlament Ewropew fir-regolamentazzjoni aħjar, l-ipprogrammar, it-trasparenza u l-koordinazzjoni, ir-rikors għal atti delegati u ta' implimentazzjoni, kif ukoll is-simplifikazzjoni.

Matul dawn l-aħħar snin, implimentajna ħafna mid-dispożizzjonijiet tal-ftehim, pereżempju rigward id-djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill rispettivament, kemm qabel kif ukoll wara l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma, fil-kuntest tal-programmazzjoni annwali jew fir-rigward tal-impenji tal-Kummissjoni biex twettaq valutazzjoni tal-impatt u evalwazzjonijiet. Il-valutazzjoni tagħna hija li l-ftehim ħadem sew fil-biċċa l-kbira tal-aspetti.

Madankollu, u skont il-Linji Gwida Politiċi, nemmen li dan jista' jissaħħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipji u l-oġġettivi ta' simplifikazzjoni u regolamentazzjoni aħjar. Prijorità ewlenija għalina hija li nsibu modi prammatiċi biex niżguraw li kull istituzzjoni twettaq valutazzjonijiet proporzjonati tal-impatti b'rabta mal-emendi sostanzjali tagħha għall-proposta tal-Kummissjoni. Għalhekk se nipproponi li naħdmu id f'id biex insibu fehim komuni dwar x'jikkostitwixxi emendi sostanzjali u biex jiġi ppreċiżat l-ambitu tal-evalwazzjoni tagħhom. Nixtieq ukoll naħdem magħkom biex insibu metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tal-impatti u l-kostijiet. Dan itejjeb il-kwalità tal-informazzjoni disponibbli għall-koleġżlaturi matul il-proċess leġislattiv, mingħajr ma jirrestrinġi jew jaffettwa l-prerogattivi politiċi tagħhom.

Ninsab fiduċjuż li permezz tal-ħidma tagħna flimkien, se nkunu nistgħu nsibu soluzzjonijiet prattiċi biex niksbru dawn l-għanijiet, bi trasparenza sħiħa u b'rispett sħiħ għall-prinċipji demokratiċi tal-proċess leġislattiv tagħna u b'impatt limitat fuq it-tul tal-proċeduri leġislattivi.

Se nibqa' leali lejn l-impenn li niżgura li l-Kummissarji sħabi jirrispettaw l-impenn fil-ftehim li proposti ġodda b'impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali sinifikanti jkunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt li jistħarrġu kif jistgħu jintlaħqu l-għanijiet ta' politika b'mod effiċjenti u trasparenti.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju se jkompli jwettaq verifika tal-kwalità oġġettiva tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni, f'konformità mad-dispożizzjoni rilevanti fil-ftehim. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nimpenja ruħi bis-sħiħ li nħares l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Bord u l-prassi tajba li l-valutazzjonijiet tal-impatt jew il-fajls tal-evalwazzjonijiet ma jiġux diskussi ma' partijiet ikkonċernati individwali. Il-Bord kien ta' spalla imprezzabbli fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, u aċċerta li l-proposti tal-Kulleġġ ikunu msejsa fuq valutazzjonijiet tal-impatt, evalwazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità ta' kwalità għolja bbażati fuq evidenza solida. Jeħtieġ li nsaħħu dak li ksibna sa minn mindu bdejna, b'kontroll tal-kwalità regulatorju mwettaq b'mod professjonali u imparzjali. Se niżguraw li, fi kwalunkwe ħin, il-Bord ikun magħmul minn Membri b'għarfien espert estensiv fir-rigward tat-tliet oqsma ewlenin ta' analiżi: il-qasam ekonomiku, soċjali u ambjentali. Il-kompożizzjoni bilanċjata tiegħu hija garanzija addizzjonali li l-impatti ewlenin ta' proposta jiġu skrutinizzati b'analiżi bir-reqqa.

Barra minn hekk, għalija t-trasparenza hija ta' importanza kbira. Se niżgura li l-opinjoni u l-evidenza sottostanti kollha tal-Bord ikunu disponibbli mal-proposta biex jiġu żgurati l-oġġla standards ta' trasparenza filwaqt li jinżamm dak l-ispazju għat-teħid tad-deċiżjonijiet.

### Mistoqsija mill-Kumitat għall-Baġits

*9. L-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza waqgħet lura, u dan iwassal għar-riskju li l-fondi tal-UE jintilfu.*

*X'inhuma l-pjanijiet tiegħek biex taċċellera l-implimentazzjoni tal-Faċilità filwaqt li tiżgura l-kwalità tal-implimentazzjoni u r-rispett tal-qafas legali applikabbli, speċjalment fid-dawl tar-rapport speċjali 13/2024 tal-Qorti tal-Awdituri? X'lezzjonijiet tiegħu mill-esperjenza tal-passat tiegħek, x'ħadem, x'jeħtieġ jitiġieb fid-disinn ta' dan l-istrument sabiex jiġu żgurati l-valur miżjud, il-bilanċ territorjali u r-rispett tar-rwoli interistituzzjonali?*

Parti sinifikanti mill-ewwel nofs tat-tul tal-ħajja tal-Faċilità kienet iddedikata għan-negozjar u għall-adozzjoni tas-27 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza; imbagħad, immedjatament wara, biex jiġu riveduti b'mod sostanzjali dawk il-pjanijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda li ġabet magħha l-kriżi tal-enerġija kkawżata mill-aggressjoni mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Minkejja dan l-akkumulazzjoni ta' kriżijiet bla preċedent f'perjodu qasir ta' żmien, l-implimentazzjoni tal-RRF tinsab ġeneralment fit-triq it-tajba. Dan beda fl-2021 u diġà ninsabu f'assorbiment ta' aktar minn 50 % tal-għotjiet allokatu għall-pjanijiet approvati; u assorbiment totali ta' 41 %, meta jitqiesu kemm l-għotjiet kif ukoll is-self, wara t-tweġġ ta' 1,682 stadju importanti u mira mill-Istati Membri. Ir-ritmu tat-talbiet għall-pagament ukoll tħaffef b'mod sinifikanti minn meta s-sena li għaddiet ġiet iffinalizzata r-reviżjoni tal-pjanijiet marbuta mal-introduzzjoni tal-kapitolu REPowerEU (minn 23 talba għall-pagament fl-2023 għal madwar 45 talba fl-2024). Sa tmiem l-2024, qed nistennew li jkun ġie żborżat total ta' EUR 300 biljun minn meta bdiet il-Faċilità, li jikkorrispondu għal kważi nofs il-pakkett kollu impenjat għall-RRF. Fl-istess waqt, l-iskeda ta' żmien tal-Faċilità hija limitata ħafna, u għalhekk huwa importanti li l-implimentazzjoni titħaffef aktar. Għalhekk, l-enfasi kollettiva tagħna għandha tkun fuq l-implimentazzjoni fil-pront tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, u li niżguraw li sa tmiem l-2026 ikun hemm implimentazzjoni li tirnexxi tal-RRF.

Bħala Viċi President Eżekuttiv għal Ekonomija għas-servizz tan-Nies, żgurajt li l-Kummissjoni tkun b'seba' għajnejn fuq l-implimentazzjoni tal-RRF f'kull Stat Membru, fost affarijiet oħra billi saru konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u min-naħa tiegħi ħdimt bla heda magħhom biex insolvu kwistjonijiet li kienu jfeġġu u biex nevitaw jew innaqqsu d-dewmien. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju għall-Ekonomija u l-Produttività, se niżgura li jissoktaw l-isforzi fir-rigward ta' dawn l-aspetti u li tiġi approfondita l-konsultazzjoni tagħna mal-partijiet ikkonċernati u mal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Filwaqt li l-assorbiment jeħtieġ li jitħaffef aktar, dan ma għandux jiġri a skapitu tat-tnaqqis tal-kwalità tal-valutazzjonijiet tagħna rigward l-ilħuq sodisfaċenti tal-istadji importanti u l-miri, jew billi jiġu riveduti l-pjanijiet eżistenti biex jitnaqqas il-livell ta' ambizzjoni tagħhom. Fejn ikun ta' siwi biex titħaffef l-implimentazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jitolbu bidliet immirati fil-pjanijiet tagħhom u l-Kummissjoni se tappoġġa tali reviżjonijiet. B'dan l-iskop f'moħħna, dan l-aħħar ħadna xi miżuri biex nissimplifikaw il-proċess għall-emendar tal-pjanijiet u ċċarajna l-kundizzjonijiet li skonhom l-Istati Membri jistgħu jitolbu bidliet biex inaqqsu l-piż amministrattiv u jissimplifikaw l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-RRF. Għal kwistjonijiet aktar fundamentali, l-Istati Membri jistgħu jitolbu wkoll li jibdli l-pjan tagħhom, fosthom billi jissostitwixxu miżuri sħaħ, iżda biss dment li l-ambizzjoni inizjali ma titnaqqasx, u li l-kriterji kollha ta' valutazzjoni jiġu xorta ssodisfati. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri biex jinstabu soluzzjonijiet li jiżguraw li l-pjanijiet jibqgħu ta' kwalità għolja u jkunu jistgħu jiġu implimentati fil-ħin.

Matul għadd ta' awditi, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrikonoxxiet il-merti tal-RRF u enfasizzat xi oqsma li fihom jista' jsir titjib. Dan l-aħħar, esprimiet kritika rigward dak li fil-fehma tagħha huwa żborż u assorbiment kajman tal-fondi tal-RRF, għalkemm fl-analiżi tagħha l-Qorti ma kkunsidratx it-tħaffif tar-ritmu u l-progress sinifikanti fil-iżborż li sar fl-2024. Il-Kummissjoni aċċettat u implimentat il-bieċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Qorti fir-rigward tal-RRF.

It-tagħlimiet meħuda mill-RRF urew kemm kienu effettivi l-fondi tal-RRF fl-appoġġ tal-prijoritajiet komuni tal-UE u fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ewlenin u li tant kienu mistennija. Il-pjanijiet ambizzjużi għall-irkupru u r-reżiljenza wrew bil-fatti l-progress fis-sitt pilastri kollha li jiddefinixxu l-ambitu tal-Faċilità, b'mod partikolari t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u l-konverġenza soċjoekonomika. Wara l-ħolqien tal-RRF kien hemm żewġ objettivi ewlenin: l-appoġġ għall-irkupru u t-tiħiħ tar-reżiljenza.

Dwar l-ewwel objettiv, l-appoġġ għall-irkupru: inkun ġust meta ngħid li l-RRF irnexxiet. Tat daqqa t'id biex jiżdied l-investiment pubbliku, li huwa riżultat bla preċedent eżatt wara kriżi, naqqset id-differenza fir-rendimenti tal-bonds tal-gvern, u kkontribwiet biex l-UE tingħata imbottatura ta' fiduċja li tant kienet teħtieġ fil-bidu nett tal-kriżi. B'perspettiva għall-ġejjieni, ir-riformi u l-investimenti taħt l-RRF huma mistennija li jkomplu jżidu l-potenzjal tat-tkabbir tal-Istati Membri. Filwaqt li dan se nkunu nistgħu nivvalutawh biss f'data aktar tard, hemm bosta eżempji ta' investimenti u riformi diġà implimentati li tabilħaqq qed jagħmlu differenza pożittiva fil-prattika.

Dwar it-tieni objettiv, it-tiħiħ tar-reżiljenza: l-RRF qed tappoġġa sforzi ta' riforma bla preċedent fl-UE kollha. Tat xhieda tal-benefiċċji li jirriżultaw meta r-riformi jiġu abbinati mal-investimenti u meta jsiru żborżi bbażati fuq il-kisba ta' outputs u riżultati speċifiċi, aktar milli fuq il-kostijiet li jkunu ġġarrbu. Dan diġà wassal biex l-implimentazzjoni tar-riformi ewlenin titjeb b'mod konsiderevoli, f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE, li l-UE kienet ilha bosta snin titkellem favurhom taħt is-Semestru Ewropew. Pereżempju, is-sehem sinifikanti tal-miżuri ekoloġiċi u diġitali fil-pjanijiet kollha, bla dubju qed jixpruna t-tranżizzjoni doppja fl-Ewropa, filwaqt li l-

investimenti fl-edukazzjoni, fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet se jagħmlu l-forza tax-xogħol tal-Ewropa aktar reżiljenti għall-kundizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu.

L-RRF uriet ukoll il-flessibilità tagħha li taġġusta għall-isfidi li qed jevolvu, bis-saħħa tal-ambitu wiesa' tagħha u sett uniku ta' regoli. Fl-istess waqt, hemm naturalment taġġlimiet li għandhom jittieħdu u l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-RRF indikat lok għal titjib. B'mod partikolari, jeħtieġ li nkomplu nissodisfaw il-ħtieġa għat-trasparenza u s-simplifikazzjoni. *Data* dwar l-akbar 100 benefiċjarju aħħari taħt l-RRF għal kull Stat Membru, issa hija disponibbli għall-pubbliku, u din id-*data* qed tiġi aġġornata darbtejn fis-sena. Inħolqot tabella ta' valutazzjoni pubblika u mappa tal-proġetti b'*data* dettaljata dwar l-implimentazzjoni. Għall-ġejjieni, il-Kummissjoni se tibqa' tikkunsidra kwalunkwe possibbiltà li ttejjeb it-trasparenza u li tkun konformi mar-Regolament RRF, filwaqt li jitqies kif dovut il-piż amministrattiv.

Fir-rigward tal-bilanċ reġjonali, bis-saħħa tal-koeffiċjent tad-distribuzzjoni tagħha u l-enfasi fuq l-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew u l-prijoritajiet komuni tal-UE, l-RRF ikkontribwiet biex tiġi evitata d-diverġenza ekonomika u soċjali wara l-pandemija u hija mistennija ssaħħaħ il-konverġenza fl-UE kollha. Madankollu, id-dimensjoni reġjonali tal-RRF mhijiex żviluppata b'mod ugwali fil-pjanijiet nazzjonali kollha u ta' sikwit ma tkunx b'saħħitha biżżejjed, minħabba li l-pjanijiet nazzjonali jkunu tħejjew f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati reġjonali u lokali huma atturi u benefiċjarji essenzzjali fit-tweġtiq tar-riformi u l-investimenti taħt l-RRF. Minnhom infushom, l-involvement tagħhom fl-implimentazzjoni tal-Faċilità, u l-kapaċità amministrattiva tagħhom, għandhom jingħataw appoġġ b'mod adegwat.

Meta tħares 'il quddiem lejn il-baġit fit-tul tal-UE li jmiss, il-Kummissjoni, meta tressaq il-proposti tagħha, tista' titnebbaħ minn xi wħud mill-elementi li rnexxew tal-RRF, pereżempju, billi tabbina flimkien ir-riformi u l-investimenti. Element partikolari tal-RRF li jista' jittejjeb huwa l-iffaċilitar tal-proġetti transfruntiera. Minkejja li fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza ddaħħlu diversi miżuri marbuta ma' Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni, u miżuri transfruntiera fil-kapitoli REPowerEU, il-governanza nazzjonali tal-Faċilità ma ppromwovietx biżżejjed il-kooperazzjoni transfruntiera. Fl-istess waqt, huwa importanti wkoll li jiġu rispettati bis-sħiħ il-prinċipju tas-sħubija u r-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, u li jiġi ppreservat l-oġettiv prinċipali tiegħu li jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali kif jirriżulta mit-Trattat.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni interistituzzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-RRF, il-Kummissjoni kienet involuta mill-qrib sew mal-Parlament u mal-Kunsill. Kelli l-privileġġ li nrrappreżenta lill-Kummissjoni, flimkien mal-kollega tiegħi l-Kummissarju għall-Ekonomija, fis-16-il Djalogu dwar l-Irkupru u r-Reżiljenza kollha mal-Parlament, u s-servizzi tal-Kummissjoni attendew aktar minn 30 laqgħa tal-grupp ta' ħidma tal-RRF tal-Parlament. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll informazzjoni f'waqtha u komprensiva fir-rigward tal-implimentazzjoni, lill-Parlament fuq bażi ta' kuljum. Dan il-livell ta' involviment imur lil hinn mir-rekwiżiti formali ta' rapportar u ta' obbligu ta' rendikont stabbiliti fir-Regolament RRF. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nara li l-Kummissjoni tkompli timplimenta l-RRF bl-aktar mod trasparenti u rendikontabbli u flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv innominat għall-Koeżjoni u r-Riformi se nirsisti biex dan l-iskop jintlaħaq.

#### Mistoqsija mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

*10. Kif se tiżgura li l-implimentazzjoni tal-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar tgħin biex ittejjeb is-sitwazzjoni tal-impjiegi madwar l-UE, tiżgura l-acquis tal-UE dwar il-liġi tax-xogħol u li ma tirriżultax fi drittijiet tal-impjeg u standards soċjali aktar baxxi u lanqas ma tipprevjeni aktar inizzjattivi leġiżlattivi u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inklużi l-miri ewlenin tiegħu? Liema passi konkreti se tieħu biex issaħħaħ il-monitoraġġ tal-konverġenza soċjali 'l fuq fl-UE?*

Jiena se nibqa' nżomm l-impenn tiegħi li niżgura l-ekwità soċjali u ekonomija soċjali tas-suq aktar b'saħħitha fl-Unjoni Ewropea. L-għan tal-Kummissjoni huwa li żżomm standards soċjali għoljin, u li twettaq il-miri soċjali u tal-impjiegi tal-UE għall-2030, kif ukoll tikseb riżultati fil-prattika fir-rigward tal-implimentazzjoni kontinwa tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, billi ġġedded il-pjan ta' azzjoni tagħha. Fl-istess waqt, biex niksbu dawn l-oġettivi, neħtieġu li wħud mir-regoli u l-politiki tagħna jkunu jistgħu jiġu implimentati u infurzati b'aktar faċilità, u l-isforzi tagħna fir-rigward tas-simplifikazzjoni fuq hekk jikkonċentraw.

Il-prijoritajiet stabbiliti mill-President von der Leyen — biex il-kompetittività u l-produttività tal-UE jiġu promossi, biex ir-regoli eżistenti jiġu ssimplifikati u biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u ta' rapportar — ma jirrigwardawx id-deregolamentazzjoni jew it-tnaqqis tal-istandards għoljin tagħna. L-ambizzjoni tagħna hija li niġġeneraw aktar prosperità kondiviża għall-Ewropej kollha, fosthom permezz ta' standards tal-għajxien li jkomplu jiżdiedu u l-implimentazzjoni tal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali.

L-ekonomija soċjali tas-suq tagħna tinsab fil-qalba tal-kompetittività tagħna. L-edukazzjoni tajba, il-provvista tal-kura tas-saħħa u x-xbieki ta' sikurezza soċjali jattiraw it-talent u l-investimenti fl-Ewropa. Fejn xieraq, jeħtiġilhom jiġu ppreservati u msaħħa. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju għall-Kompetittività u l-Produttività u l-Implimentazzjoni u s-Simplifikazzjoni, se nkompli nirriżerva post ċentrali għall-politiki soċjali u tal-impjiegi fiż-żewġ portafolli tiegħi, filwaqt li nislet mill-esperjenza estensiva tiegħi fid-djalogo soċjali u fl-implimentazzjoni tal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali.

Fl-istess waqt, ir-rapport reċenti ta' Mario Draghi wassalna biex nirrealizzaw li l-Ewropa jeħtiġilha tingħaqad qaçoċċa, tneħħi l-ostakli li jkomplu jifframentaw is-Suq Uniku tagħna, u tiżgura li r-regolamenti tagħna jilhq u l-għanijiet tagħhom b'mod effettiv, mingħajr ma timponi piżijiet żejda fuq in-nies jew in-negozji. Għalhekk ninsabu fuq l-għatba taċ-ċiklu istituzzjonali l-ġdid bi skop ċar quddiem għajnejna: li niżguraw li nilħqu l-għanijiet ambizzjużi tagħna — inklużi l-miri soċjali u tal-impjiegi għall-2030 — billi nipprovd u l-appoġġ meħtieġ lill-ħaddiema u lill-kumpaniji. Dan se jirrikjedi wkoll li naħdmu mill-qrib flimkien, fil-portafolli ekonomiċi u soċjali kollha u fi djalogu regolari mas-sħab soċjali, biex nagħtu stimolu lill-produttività u l-kompetittività, nissimplifikaw ir-regoli tal-UE, nipromwovu d-diġitalizzazzjoni, u nimminimizżaw il-piżijiet amministrattivi.

Il-liġi tax-xogħol tal-UE għandha rwol kruċjali fl-appoġġ ta' Suq Uniku ġust u fl-iżgurar ta' impjiegi ta' kwalità. Taħt it-tmexxija tiegħi u dik tal-Kummissarju Schmit, għamilna progress sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, billi adottajna strumenti ewlenin bħad-Direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli, id-Direttiva dwar il-paga minima, u d-Direttiva dwar ix-xogħol fuq il-pjattaformi. Dawn l-istrumenti tħejjew skont il-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar. It-test rinforzat tal-kompetittività u t-test tal-SMEs u l-impenn biex jitnaqqsu l-piżijiet tar-rappurtar, li se nkun qed nikkoordina, mhumiex maħsuba biex ikunu bsaten fir-roti għal progress soċjali ulterjuri fl-UE. Minflok, għandhom l-għan li jiffrankaw il-ħin lill-impreditturi, lill-ħaddiema u liċ-ċittadini sabiex ikunu jistgħu jiffukaw fuq l-innovazzjoni, jilhq u l-milja tal-potenzjal kollu tagħhom, jespandu n-negozju tagħhom u joħolqu aktar impjiegi ta' kwalità.

Se nimmiraw ukoll li niżguraw li l-valutazzjonijiet tal-impatt tagħna jqisu l-impatti soċjali, inkluż, kull meta jkun possibbli, il-valutazzjonijiet distributtivi.

Fir-rigward tas-Semestru Ewropew, id-dimensjoni soċjali tiegħu ssaħħet b'mod sostanzjali u l-Kummissjoni se tkompli tara li jkollha approċċ integrat għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi u soċjali fl-Istati Membri u għall-għoti ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Fir-rigward ta' dan, se nirrapporta direttament lill-President u naħdem f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Viċi President Eżekuttiv innominat għan-Nies, il-Ħiliet u l-Preparatezza.

Fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2024, il-Kummissjoni diġà użat il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali biex issaħħaħ il-valutazzjoni tar-riskji għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Istati Membri. Jekk niġi kkonfermat, se nibqa' nżomm l-impenn li għandi vis-à-vis l-implimentazzjoni kontinwa tiegħu, anki f'konformità mad-dispożizzjonijiet li jintegraw il-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali fil-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika.

#### Mistoqsija mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

*11. Kif tippjana li tikseb valutazzjoni komprensiva tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE biex tidentifika u tindirizza partijiet li jikkoinċidu u kif se tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati fil-proċess? Fil-kuntest tas-simplifikazzjoni, liema oqsma leġiżlattivi se jingħataw prijorità u liema miżuri speċifiċi se tippromponi biex tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u ta' rapportar fuq il-kumpaniji tal-UE mingħajr ma tikkomprometti l-istandards tal-UE b'rabta mal-protezzjoni tal-konsumatur? Fil-komputu tiegħek biex tindirizza l-frammentazzjoni, kif se tintegra kontroll tas-Suq Uniku fil-qafas il-ġdid tal-Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività, bl-għan li tenfasizza l-benefiċċji tal-azzjonijiet tal-UE, inkluża leġiżlazzjoni, għas-Suq Uniku, u għall-konsumaturi tal-UE?*

Fil-Linji Gwida Politiċi, il-President inkarigat lil kull Kummissarju biex iwettaq stress test tal-acquis tal-UE. Abbażi tar-riżultati ta' dan l-ittestjar tal-istress, il-Kummissjoni se tressaq proposti biex tneħħi s-sovrapożizzjonijiet u l-kontradizzjonijiet, filwaqt li żżomm l-istandards għoljin tagħna. Għalhekk se naħdem mal-Kummissarji sħabi biex iwettaq din il-ħidma estensiva biex il-corpus tal-leġiżlazzjoni jingħadda mill-għarbiel bl-għan li l-liġijiet tal-UE jiġu ssimplifikati, ikkodifikati u kkonsolidati. Din il-ħidma se tkopri gradwalment l-acquis kollu kemm hu, inkluża l-leġiżlazzjoni mressqa matul l-aħħar mandat.

Il-punt tat-tluq huwa l-informazzjoni u l-għarfien li ġbarna mill-partijiet ikkonċernati b'konsultazzjonijiet immirati, l-attivitatijiet ta' ħidma biex jintlaħqu n-nies, u permezz ta' sejħa għal evidenza li saret apposta fl-2023.

Ħafna drabi, il-partijiet ikkonċernati talbu li r-rappurtar jiġi ssimplifikat u li jitneħħew is-sovrapożizzjonijiet. Dawn appellaw għal aktar gwida, kif ukoll għad-diġitalizzazzjoni u għal flussi tad-*data* aktar fluwidi. Saħqu wkoll l-importanza li jiġi żgurati li r-regoli tagħna jkunu sempliċi u applikati b'mod proporzjonat. L-SMEs jenfazzjaw l-importanza li jiġi segwit il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir".

Dawn il-kontribuzzjonijiet jipprovdu bażi soda għall-ħidma tagħna, iżda se nagħmlu aktar minn hekk. Se nkun qed nissorvelja l-implimentazzjoni ta' modi ġodda u aktar fil-fond biex ninvolvi ruħi mal-partijiet ikkonċernati biex niksbu r-riżultati. Kif spjegajt fid-dettall ukoll fit-tweġibiet tiegħi għall-mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, kull Kummissarju se jinvolvi ruħu mal-partijiet ikkonċernati mill-inqas darbtejn fis-sena biex jiddiskuti l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni. Dawn id-Djalogi ta' Implimentazzjoni huma waħda mill-għodod li se nużaw biex inlaħħmu t-testijiet tal-istress tagħna tal-acquis tal-UE, filwaqt li nippreservaw l-għanijiet ta' politika u l-istandards għoljin tagħna.

Se niżviluppaw ukoll Verifiki tar-Realta' li se jippermettulna nilħqu lill-prattikanti fil-ħajja ta' kuljum *in situ*. Id-dipartimenti tal-Kummissjoni se jaħdmu mill-qrib mal-kumpaniji, l-amministrazzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati l-oħra involuti fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE biex jidentifikaw u jsolvu kwistjonijiet prattiċi, bħal awtorizzazzjonijiet, piżijiet ta' konformità jew permessi.

L-eżitu tat-testijiet tal-istress se jkun wieħed b'żewġ lati. Se nidentifikaw miżuri mmirati biex nissimplifikaw jew nirrazzjonalizzaw il-leġiżlazzjoni, li se nkunu nistgħu nindirizzaw direttament. F'każijiet fejn ikun meħtieġ aktar żmien għall-analiżi, se nwertqu segwitu permezz ta' evalwazzjonijiet u kontrolli tal-idoneità biex nidentifikaw id-duplikazzjonijiet, is-sovrapożizzjonijiet u l-ineffċjenzi. L-aktar proposti sinifikanti se jiddaħħlu fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni kull sena.

Fir-rigward tal-Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività, din se ssarraf il-prijoritajiet tal-kompetittività fl-UE kollha f'politiki nazzjonali kkoordinati, filwaqt li tiżgura finanzjament pubbliku u privat għal kull prijorità strateġika. L-iskop kumplessiv ta' din l-Għodda, u l-Fond għall-Kompetittività, se jkun li tissaħħaħ il-koerenza bejn il-kapaċità ta' investiment tal-UE u l-politiki nazzjonali. Dan jipprovdi aktar ċertezza, prevedibbiltà u skala fis-Suq Uniku.

Peress li l-ħidma meħtieġa għall-attwazzjoni tal-Għodda għad trid tibda, bħalissa mhuwiex possibbli li jiġu stabbiliti l-komponenti ewlenin tagħha. Minkejja dan, is-Suq Uniku u l-ambjent tan-negozju usa' huma dimensjonijiet ewlenin tal-kompetittività tagħna, kif enfazzzjat mill-aħħar Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività. Is-Suq Uniku għandu l-potenzjal li johlq ekonomiji ta' skala saħansitra akbar, jattira aktar investiment dirett barrani, jipprovdi kundizzjonijiet aħjar għall-kumpaniji tagħna biex jiżviluppaw u joħlqu impjiegi ta' kwalità, u offerti aħjar għall-konsumaturi tagħna filwaqt li jiġu ssalvagwardati livelli għoljin ta' protezzjoni. Irridu niżguraw li dan effettivament jilħaq il-potenzjal ekonomiku u soċjali sħiħ tiegħu.

Jekk jogħġbokom araw ukoll it-tweġiba għall-mistoqsija 4 dwar l-Għodda ta' Koordinazzjoni tal-Kompetittività u l-Fond għall-Kompetittività.

#### Mistoqsija mill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

*12. Meta biħsiebek tibda negozjati ġodda fuq il-FII dwar simplifikazzjoni u tfassil aħjar tal-liġijiet u liema oqsma (jew partijiet) tal-FII tipprevedi li tirrevedi? Liema azzjonijiet tqis neċessarji biex tikseb l-objettivi ta' Regolamentazzjoni Aħjar fit-tħejjija ta' inizjattivi ġodda, inklużi atti delegati u ta' implimentazzjoni? Lest tappoġġja l-espansjoni tal-inizjattiva tal-Parlament biex tiġi emendata u revokata leġiżlazzjoni eżistenti? Kif biħsiebek issegwi d-djalogu neċessarju mal-Parlament fil-proċess tal-ipprogrammar annwali u pluriennali skont l-Artikolu 17(1) tat-TUE u d-dispożizzjonijiet fil-FII dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet fir-rigward tal-ipprogrammar pluriennali bl-għan li tfassal konklużjonijiet konġunti tat-tliet istituzzjonijiet li jirriflettu kuntratt tripartitiku reali għal-leġiżlatura?*

Jekk jogħġbokom araw ukoll it-tweġiba għall-mistoqsija 8

Il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet huwa mezz importanti għal kooperazzjoni approfondita bejn l-istituzzjonijiet biex l-objettivi ta' politika jitwettqu b'mod effċjenti għaċ-ċittadini u n-negozji tagħna, filwaqt li jiġu evitati piżijiet bla bżonn. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, se nipproponi li naħdmu id f'id favur it-tiġdid ta' dan il-Ftehim sabiex insaħħu l-impenn konġunt tagħna għal tfassil ta' politika trasparenti u bbażat fuq l-evidenza.

Abbażi tal-objettivi ta' implimentazzjoni u simplifikazzjoni deskritti mill-President von der Leyen, il-prijorità ewlenija tal-Kummissjoni se tkun li jinstabu modi prammatiċi biex tiżgura li kull istituzzjoni twettaq valutazzjonijiet proporzjonati tal-impatti fir-rigward tal-emendi sostanzjali tagħhom għall-proposta tal-Kummissjoni. Għalhekk se nipproponi li naħdmu flimkien biex insibu fehim komuni dwar x'inhuma eżatt l-emendi sostanzjali u biex nippreċiżaw l-ambitu tal-evalwazzjoni tagħhom. Nixtieq ukoll naħdem magħkom biex insibu metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tal-impatti u l-kostijiet. Jekk niġi kkonfermat Kummissarju, se niftaħ djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill bl-ewwel sett ta' ideat u proposti biex nagħti widen għar-reazzjonijiet u s-suġġerimenti tagħkom.

Fl-2019, il-Kummissjoni haċet l-impenn li twieġeb għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament skont l-Artikolu 225 TFUE bi proposti leġiżlattivi b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-proporzjonalità, tas-sussidjarjetà u tat-tfassil aħjar tal-liġijiet. Fl-aħħar mandat, il-Kummissjoni wieġbet b'mod pożittiv għal 24 minn 25 riżoluzzjoni simili. L-unika darba li ma rrispondejniex b'mod favorevoli għal riżoluzzjoni skont l-Artikolu 225 — dik dwar l-ippjanar ta' kontinġenza tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali — kienet minħabba li sadanittant immaterjalizzat il-kisba komuni tagħna dwar il-QFP u n-NextGenerationEU.

B'ħarsitha lejn dak li ġej, il-Kummissjoni hija ddedikata li ssaħħaħ ulterjorment il-kooperazzjoni mal-Parlament b'segwitu għar-riżoluzzjonijiet skont l-Artikolu 225 billi titlob lill-Kummissarji jieħdu sehem fi djalogi strutturati mal-kumitat parlamentari responsabbli biex flimkien jaraw kif se jimxu 'l quddiem. Dan huwa rifless fl-ittri ta' missjoni lill-Kummissarji nnominati kollha.

Id-djalogu mal-Parlament se jkun essenzjali wkoll għall-proċess ta' programmazzjoni annwali u pluriennali. Il-Konklużjonijiet Konġunti tagħna dwar il-prijoritajiet għall-mandat li jmiss se jissejsu fuq il-Linji Gwida Poliċi, li huma r-riżultat ta' konsultazzjonijiet intensivi mal-Parlament Ewropew. Min-naħa tagħhom, dawn il-Konklużjonijiet Konġunti se jiffurmaw bażi soda għad-Dikjarazzjonijiet Konġunti annwali aktar dettaljati dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi għas-sena li ġejja.

#### Mistoqsija mis-Sottokumitat għall-Kwistjonijiet Fiskali

### **13. Kompetittività & Tax Mix**

*Fuq terminu medju sa itwal, it-tixjiħ tal-popolazzjonijiet u d-diġitalizzazzjoni se jkollhom implikazzjonijiet sostanzjali għas-sistemi tat-taxxa. Fir-Rapport Annwali tagħha tal-2024 dwar it-Taxxa, il-Kummissjoni tirreferi għal kunsens wiesa' dwar il-ħtieġa li t-tax mix tiġi bilanċjata mill-ġdid u li l-piż tat-taxxa jitneħħa minn fuq il-ħaddiema. Kif tippjana li ttiproċedi u tiżgura li "s-sistema fiskali tagħna tiżvolġi rwol kruċjali fl-appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni u għall-kompetittività tal-Ewropa biex tiġi żgurata ekwità soċjali" kif imsemmi fl-ittra ta' missjoni tiegħek? X'passi tippromponi li jittieħdu biex jitneħħew l-ostakli tat-taxxa għall-investment transfruntier u l-ostakli fiskali u regulatorji bejn l-Istati Membri sabiex is-sistema fiskali tagħna tiġi ssimplifikata u tiżdied il-kompetittività? Se tagħmel proposti fil-qasam tal-gwadanji kapitali u t-tassazzjoni tal-ġid sabiex tiżgura ekwità soċjali? Fid-dawl ta' analiżijiet reċenti minn istituzzjonijiet bħall-FMI, x'miżuri ulterjuri ta' tassazzjoni jistgħu jiġu żviluppati biex jiġi żgurat li l-ipprezzar tal-karbonju ma jaffettwax lil komunitajiet ifqar b'mod sproporzjonat, u lanqas ma jaggrava d-disparitajiet bejn Stati Membri għonja u dawk inqas għonja?*

Jekk inqisu t-tax mix attwali tal-EU27, bħala medja, it-taxxi fuq ix-xogħol jirrappreżentaw 'il fuq minn 50 % tal-ġbir totali tad-dħul mit-taxxa, filwaqt li t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tirrappreżenta madwar 20 %, u t-taxxi korporattivi fuq l-introjt f'it inqas minn 10 %. Il-bidliet strutturali fit-tul, bħall-bidliet demografiċi u d-diġitalizzazzjoni, qed jaffettwaw il-mod kif naħdmu, niproduċu u nikkunsmaw, u għalhekk jirrikjedju minna li neżaminaw mill-ġdid kif nistgħu nwessgħu t-tax mix tagħna biex niżguraw li s-sistemi tat-taxxa tagħna jkunu jistgħu jkomplu jżidu d-dħul meħtieġ biex isostnu l-ekonomija soċjali tas-suq tagħna. L-aġġustament tat-tax mix huwa importanti wkoll biex jiġi indirizzati l-isfidi relatati mat-tibdil fil-klima u biex tittejjeb il-kompetittività. Pereżempju, tax mix li tibqa' valida fil-futur għandha tinkoraġġixxi l-investment fir-riċerka u l-iżvilupp, u b'hekk tikkontribwixxi għal investment ogħla f'soluzzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Barra minn hekk, tista' titqies bidla mit-taxxi fuq ix-xogħol, li ġeneralment ixekklu t-tkabbir u l-impjegi, lejn taxxi fuq attivitajiet li jiġġeneraw esternalizzazzjonijiet, inkluż billi jtwessgħu l-bażijiet tat-taxxa eżistenti — b'enfasi fuq taxxi ekoloġiċi u fuq il-ġid. Meta nagħmlu dan, irridu nżommu f'moħħna l-ħtieġa li jitnaqqsu l-inugwaljanzi u tiġi żgurata l-ekwità soċjali.

Il-monitoraġġ tat-tassazzjoni huwa element importanti tas-sorveljanza ekonomika. Il-Kummissjoni tipprovdri rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri dwar il-politiki tat-taxxa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Jekk niġi kkonfermat bħala Kummissarju, b'ħidma sfiqa mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif, niżgura li niżviluppaw rakkomandazzjonijiet ikkonċentrati fuq il-politika tat-taxxa li jappoġġaw it-

tkabbir u l-kompetittività, id-distribuzzjoni ekwa tal-introjtu, u jippromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika. Fuq ir-rakkomandazzjonijiet se tissegjes l-implimentazzjoni fil-ġejjieni tal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika, peress li t-“tax mix li tibqa' valida fil-futur” issib postha fil-pjanijiet strutturali fiskali l-ġodda fuq terminu medju. Dan se jgħin ukoll biex jitnaqqsu l-ostakli relatati mat-taxxa għall-investment transfruntiera kif ukoll ostakli fiskali u regolatorji oħra bejn l-Istati Membri.

Se nappoġġa wkoll id-diskussjonijiet fuq livell dinji rigward it-tassazzjoni fuq il-ġid f'fora internazzjonali bħall-OECD, il-G20 u n-NU. Fil-mira tiegħi se jkolli l-monitoraġġ aħjar tal-iżvilupp u l-kejl tad-disparitajiet fil-ġid marbuta mal-iġġenerar tal-ġid (il-flussi) u l-persistenza tal-ġid (l-istokks), kif ukoll il-bilanċ bejn it-tassazzjoni tal-qligħ mix-xogħol u t-tassazzjoni tal-introjtu kapitali personali. Il-Kummissjoni se tnedi studju li jeżamina t-taxxi relatati mal-ġid fl-UE biex tappoġġa dibattitu infurmat.

Se nkun qed nagħti l-appoġġ tiegħi wkoll għall-ħidma fuq approċċ multilaterali għat-tassazzjoni diġitali. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom rwol attiv fin-negozjati internazzjonali dwar soluzzjoni b'żewġ pilastru biex jindirizzaw l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profiti. Soluzzjoni bħal din tkun ta' għajna biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE billi tinħoloq sistema tat-taxxa dinjija aktar ġusta u aktar prevedibbli. L-Ewwel Pilastru, li jiżgura allokazzjoni ġusta tal-profitti lill-ġurisdizzjonijiet fejn jinsabu l-klijenti, jgħin biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji bbażati fl-UE billi jnaqqas l-opportunitajiet għat-trasferiment tal-profitt lejn ġurisdizzjonijiet b'rata baxxa ta' taxxa u jiżgura kontribuzzjonijiet ekwi tat-taxxa mill-kompetituri globali.

It-Tieni Pilastru, implimentat fl-UE permezz tad-Direttiva dwar it-Tieni Pilastru ta' Diċembru 2022, peress li jnaqqas id-distorsjonijiet tat-taxxa, irawwem ambjent tan-negozju aktar ibbilanċjat u kompetittiv fl-UE u jgħin biex jitrażżan l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Se nkun qed ninkoraġġixxi kemm jista' jkun ġurisdizzjonijiet madwar id-dinja biex jimplimentaw ir-regoli jew biex jikkooperaw fil-pront fi skambju effettiv ta' informazzjoni, sabiex jippermettu l-applikazzjoni tat-Tieni Pilastru minn dawk li aderew miegħu.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni pproponiet “L-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjt” (BEFIT, Business in Europe: Framework for Income Taxation) u s-“Sistema tat-Taxxa tal-Uffiċċju Prinċipali għall-SMEs” (HOT, Head Office Tax System for SMEs) biex jitnaqqsu l-ostakli tat-taxxa għall-investment transfruntiera u tiżdied il-kompetittività. Jekk niġi kkonfermat, se nkun qiegħed naħdem mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif biex nagħtu segwitu għal dawn il-proposti u nissimplifikaw l-ambjent tan-negozju fis-Suq Uniku.

Dwar dawn il-kwistjonijiet ta' tassazzjoni, se naħdem mill-viċin mal-Kummissarju għall-Klima, l-Emissjonijiet Żero Netti u t-Tkabbir Nadif.